**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 2 ta' Frar, 2001

**Numru 6**

**Avviz. numru 1690/00JR**

**A T V Travel Ltd.**

**vs**

**Albert Vassallo**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Ottubru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija tmienja u ghoxrin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm128.20) rappresentanti somma dovuta minnu in konnessjoni ma' servizzi moghtija lilhu mis-socjeta` attrici fuq l-istess inkarigu tieghu, u dan wara li cekk li l-konvenut frawdolentement hareg fuq "cheque book" ta' socjeta` bl-isem ta' "The Ellis Ltd." (kopja annessa u immarkata bhala dokument bl-ittra "A")**

**gie sussegwentement "countermanded" (ara kopja ta' "debit advice" mahrug mill-"Bank of Valletta p.l.c.", annessa u mmarkata bhala dokument bl-ittra "B"). Kopja ta' dokument intitolat "cash sale", bid-data ta' l-erbatax (14) il-jum tax-xahar ta' Frar tas-sena elfejn (2000), in konnessjoni ma dan il-kaz, hija esibita u mmarkata bhala dokument bl-ittra "C";**

**Inoltre, is-socjeta` attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ispejjez ta' din il-kawza, ta' l-ittra interpellatorja tal-15 ta' Marzu, 2000, u ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Mejju, 2000 (li kopji taghhom – bla dokumenti –huma hawn ukoll annessi bhala dokumenti "D" u "E"), flimkien ma' l-imghax mill-14 il-jum tax-xahar ta' Ottubru tas-sena elfejn (2000) sad-data tal-pagament effettiv, Ikoll kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda tal-PL Jean Pierre Busuttil ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija tmienja u ghoxrin lira Maltija u ghoxrin centezmu**

**(Lm128.20), bl-imghaxijiet legali mill-14 ta' Ottubru, 2000 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi l-ispejjez ta' l-ittra interpellatorja tal-15 ta' Marzu, 2000, u ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Mejju, 2000. ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**